MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2015

Numru 20/2011

**Att ta' Akkuza Nru: 20/2011**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Charles Ryan Vella**

Il-Qorti ,

Rat l-att tal-Akkuża numru 20 tas-sena 2011 fil-konfront ta' Charles Ryan Vella (detentur tal-karta tal-identita' 488688(M) li biħ huwa akkużat talli :

1. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Awwissu tas-sena elfejn u għaxra (2010), l-pulizija ġew infurmati minn Maria Muscat nee Briffa li hi kienet ġiet aggredita minn żewġ persuni fejn kien sar tentattiv biex jittieħdilha l-ġiżirana li kienet liebsa f'għonqa dak il-ħin. Hi fil-fatt stqarret li fil-kors ta' dan it-tentattiv subiet ħsarat f'din il-ġiżirana u hi soffriet ukoll ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna tagħha kif debitament iċċertifikat. Matul l-

investigazzjonijiet ulterjuri rriżulta li f'dawn il-persuni involuti f'dan ir-reat kien hemm l-akkużat Charles Ryan Vella.

Illi rriżulta li dakinhar tat-22 ta' Awwissu tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tal-bejn il-ħamsa u s-sitta ta' wara nofs inhar (5.00pm – 6.00pm ċirka), Maria Muscat, mara ta' ħamsa u sittin sena (65), kienet bil-qegħda fi Pjazza fil-belt Valletta fejn innutat lill-akkużat u persuna ohra jduru l-akkwati għal madwar għoxrin minuta (20). Hi minn hemmhekk qasmet għal fuq mejda ta' Café Cordina u wara madwar ħames minuti l-akkużat Vella u persuna ohra aggredew lil Maria Muscat nee' Briffa u bil-ħsieb li jikkomettu delitt ta' serq aggravat urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-eżekużżjoni tad-dellitt billi ġibdulha l-ġiżirana tad-deheb li hi kienet liebsa dak il-ħin. Fil-fatt din il-ġiżirana tqaċċtet minn fuq il-persuna tal-vittma u hi sfat mitfugħa mal-art bis-siġġu b'kollox fejn sofriet ferita gravi f'minkbejha apparti tbenġil fil-parti leminija ta' ġisimha.

Illi jirriżulta li l-vittma fil-kors ta' dan it-tentattiv ta' serq, iffaċjat lill-akkużat u b'hekk l-malviventi telqu jiġru minn fuq il-post dak il-ħin. Hi fil-fatt kienet f'posizzjoni li tagħraf liż-żewġ delinkwenti u tidentifikhom skont il-liġi bħala l-individwi li kkomettew dan it-tentattiv fuqha u fuq il-propjeta` tagħha. Fortunatament, il-ġiżirana waqgħet mal-art u għalhekk minħabba xi ħaġa indipendenti u aċċidentali mill-volonta tal-akkużati r-reat ta' serq aggravat ma ġiex eżegwit. Di piu li kieku dan id-dellitt ġie eżegwit kien ikun aggravat bil-valur tal-ħaġa misruqa li teżorbita l-ammont ta' mitejn tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) u bil-vjolenża kontra l-persuna ta' Maria Muscat.

Illi b'għemilu Charles Ryan Vella sar ħati li fit-22 ta' Awwissu 2010, fil-Belt Valletta, fil-ħinijiet indikati, bil-ħsieb li jikkometti delitt ta' serq ta' ġiżirana minn fuq il-persuna ta' Maria Muscat nee` Briffa, mara ta' l-fuq minn sittin (60) sena, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni ta' dan id-dellitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu u li kieku ġie eżegwit kien ikun ikkwalifikat bil-vjolenża, meta l-"vjolenza" hemm

imsemmija hija diretta kontra persuna li tkun għalqet l-età ta' sittin sena u bil-valur li jiskorri s-somma ta' mitejn tnejn u tletin Euro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€232.49) iżda ma jiskorrix l-ammont ta' elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37);

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lil Charles Ryan Vella ħati ta' bil-ħsieb li jikkometti delitt ta' serq ta' ġiżirana minn fuq il-persuna ta' Maria Muscat nee` Briffa, mara ta' l-fuq minn sittin (60) sena, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni ta' dan id-dellitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu u li kieku ġie eżegwit kien ikun ikkwalifikat bil-vjolenza, meta l-"vjolenza" hemm imsemmija hija diretta kontra persuna li tkun għalqet l-età ta' sittin sena u bil-valur li jiskorri s-somma ta' mitejn tnejn u tletin Euro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€232.49) iżda ma jiskorrix l-ammont ta' elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37); jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija ta' mhux iktar minn tletin sena (30) iżda mhux inqas minn sitt snin priġunerija (6) skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 261(a)(c), 262(1)(a)(2), 267, 274(a), 276A, 277(a), 279(a), 280(2)(3), 17, 20, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fit-Tieni Kap illi waqt iċ-ċirkustanzi li rriżultaw fl-ewwel kap ta' din l-att tal-Akkuża u ċioe` fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Awwissu tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta ta' bejn il-ħamsa u s-sitta ta' wara nofs in-nhar (5.00pm-6.00pm ċirka) ġewwa l-Belt Valletta, l-akkużat volontarjament uża vjolenża waqt l-aggressjoni fuq il-persuna ta' Maria Muscat nee` Briffa, u dan sabiex jipprova jisraq il-ġiżirana tad-deheb li hi kienet liebsa dak il-ħin stess. Illi b'riżultat ta' din il-vjolenza, Maria Muscat nee` Briffa, ġiet ċċertifikata li qed tbagħti minn ġrieħi ta' natura gravi li ġew ikkawżati meta l-aggressuri u cioe' l-akkuzat u persuna ohra kienu qegħdin jissaraw mal-vittma bl-intendiment li joħdulha l-ġiżirana li fil-fatt tqaċċtet minn mal-persuna tagħha.

Illi b'għemilu l-imsemmi Charles Ryan Vella sar ħati talli mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Maria Muscat nee' Briffa f'perikolu ċar, ikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq persuna, billi kkaġuna jew x'aktarx ikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew ġab difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, u liema persuna għalqet l-eta` ta' sittin sena.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Charles Ryan Vella, ħati talli minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Maria Muscat nee' Briffa f'perikolu ċar ikkaġuna ferita ta' natura gravi fuq persuna, billi kkaġuna jew x'aktarx ikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew ġab difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, u meta l-persuna offiża għalqet l-età ta' sittin sena; jitlob li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux inqas minn tmientax il-xahar (18) u mhux iktar minn għoxrin sena (20) priġunerija kull wieħed skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 218(1)(a)(2), 222A, 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

3. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fit-Tielet Kap illi waqt iċ-ċirkustanzi li rriżultaw fl-ewwel Kap ta' din l-att tal-Akkuża u ċioe` fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Awwissu tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta ta' bejn il-ħamsa u s-sitta ta' wara nofs in-nhar (5.00pm-6.00pm ċirka) ġewwa l-Belt Valletta, irriżulta li fil-kors tal-aggressjoni kontra l-persuna ta' Maria Muscat nee Briffa, l-akkużat flimkien ma' persuna ohra volontarjament qaċċat il-ġiżirana li kienet liebsa f'dak il-mument biex jipprova jisraqhielha minn fuqha, tant li b'riżultat din il-ġiżirana inkissret u ma tistax tissewwa. Il-valur tal-ġiżirana mkissra appartenenti lill-vittma kienet tammonta għal iktar minn mitejn Lira Maltin equivalenti għal madwar erba mija ħamsa u sittin Euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87).

Illi b'għemilu l-imsemmi Charles Ryan Vella sar ħati talli volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli b'dan li l-ammont tal-ħsara ma jiskorrix elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69), imma huwa iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47).

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Charles Ryan Vella, ħati talli, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli b'dan li l-ammont tal-ħsara ma jiskorrix elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69), imma huwa iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47); jitlob li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn ħames xhur (5) sa sena (1) skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 325(1)(b), 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha proċesswali, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-rikors konġuntiv tal-Avukat Ġenerali u tal-akkużat Charles Ryan Vella, preżentat fit-2 ta' Marzu, 2015, fejn qablu fit-terminu ta' l-artikolu 453A(1) tal-Kodiċi Kriminali, umilment talbu lil din l-Onorabbli Qorti illi fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti ta' l-akkużat Charles Ryan Vella għall-akkużi miġjuba kontrih fl-ambitu tan-Nota li qegħdha tiġi ppreżentata kontestwalment mir-rikorrent Avukat Ġenerali, il-piena li għandha tiġi nflitta fuqu minn din l-Onorabbli Qorti għandha tkun waħda kumplessiva ta' priġunerija effettiva għal perjodu ta' tlett (3) snin, u dan oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza oħra konsegwenzjali għad-dikjarazzjoni u sejbien ta' ħtija ai termini tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum 4 ta' Marzu, 2015, fejn l-akkużat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat li din l-Qorti tat żmien lill-akkużat biex jerga' jaħseb dwar l-ammissjoni tiegħu skont l-artikolu 453 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-akkużat reġa′ kkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet tiddikjara lill-akkużat Charles Ryan Vella ħati talli:

1. Talli bil-ħsieb li jikkometti delitt ta′ serq ta′ ġiżirana minn fuq il-persuna ta′ Maria Muscat nee` Briffa, mara ta′ l-fuq minn sittin (60) sena, wera dan il-ħsieb b′atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni ta′ dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu u li kieku ġie eżegwit kien ikun ikkwalifikat bil-vjolenza, meta l-"vjolenza" hemm imsemmija hija diretta kontra persuna li tkun għalqet l-età ta′ sittin sena u bil-valur li jiskorri s-somma ta′ mitejn tnejn u tletin Euro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€232.49) iżda ma jiskorrix l-ammont ta′ elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37).

2. Mingħajr il-ħsieb il joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta′ Maria Muscat nee′ Briffa f′perikolu ċar ikkaġuna ferita ta′ natura gravi fuq persuna, billi kkaġuna jew x′aktarx ikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta′ xi parti tal-ġisem, jew ġab difett permanenti f′parti tal-għamla tal-ġisem, u meta l-persuna offiża għalqet l-età ta′ sittin sena.

3. Volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli b′dan li l-ammont tal-ħsara ma jiskorrix elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69), imma huwa iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47).

Rat il-ġurisprudenza kemm lokali u kemm barranija rigward ir-reduzzjoni tal-piena meta l-akkużat jirreġistra ammissjoni bikrija fil-proċeduri u b′hekk jiġi evitat ħafna xogħol inutli u spejjeż għall-amministrazzjoni tal-Ġustizzja (Vide “Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Nicholas Azzopardi”, Qorti Kriminali, [24.2.1997] ; “Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa”, Qorti tal-Appell Kriminali, [7.7.2002] u BLACKSTONE’S CRIMINAL PRACTICE, (Blackstone Press Limited – 2001 edit.).

Kif ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fil-kaz " Ir-Repubblika ta ' Malta vs Mario Camilleri " [ 07/5/2002 ], ammissjoni bikrija mhux dejjem neċessarjament u bħala dritt jintitola lill-ħati għal tnaqqis fil-piena .

Ir-regoli ġenerali li għandhom jiggwidaw il-Qrati fil-każijiet ta ' ammissjoni bikrija fil-proċeduri kienu deskritti mill-Qorti tal -Appell Kriminali fis-sentenza preliminari tagħha fil -kawża: "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi", [24.2.1997]; u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa", [17.7.2002]. F'din l-aħħar sentenza dik il-Qorti kkwotat minn Blackstone's Criminal Practice, (Blackstone Press Limited – 2001 edit.) :-

*"Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established, the extent of the appropriate "discount" has never been fixed. In Buffery ([1992] 14 Cr. App. R. (S) 511) Lord Taylor CJ indicated that "something in the order of one-third would very often be an appropriate discount", but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount the court may have regard to the strength of the case against the offender. An offender who voluntarily surrenders himself to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount. (Hoult (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; Claydon (1993) 15 Cr. App. R. (S) 526 ) and so may an offender who , as well as pleading guilty himself , has given evidence against a co-accused (Wood [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347 ) and/or given significant help to the authorities ( Guy [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24 ). Where an offender has been caught red handed and a guilty plea is inevitable, any discount may be reduced or lost (Morris [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; Landy [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908 ) . Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons, such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (Hollington [1985] 85 Cr. App. R. 281; Okee [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199.) Similarily , some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution , requiring the court to conduct an inquiry into the facts (Williams [1990] 12 Cr. App. R. (S) 415.) The leading case in this area is Costen [1989] 11 Cr. App. R. (S) 182 , where the Court of Appeal confirmed that the discount may be lost in any of the following circumstances : (i) where the protection of the*

*public made it necessary that a long sentence, possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of 'tactical plea' , where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence, and (iii) where the offender has been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain ….."*

Għaldaqstant,

Din il-Qorti wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 261(a)(c), 262(1)(a)(2), 267, 274(a), 276A, 277(a), 279(a), 280(2)(3), 17, 20, 23, 31, 216, 222A, 325(1)(b) u 533 tal-Kodiċi Kriminali Kriminali, tikkundanna lil ħati Charles Ryan Vella għall-piena ta' priġunerija effettiva għal perjodu ta' tlett (3) snin. Kif ukoll tikkundannaħ iħallas is-somma ta' erba' u sebgħajn Euro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€74.46), rappreżentanti l-ispejjeż tal-periżji nkorsi f'dan il-proċess, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali. Tordna wkoll li jekk l-ispejjez tal-periżji ma jitħallsux fi żmien sittin ġurnata mil-lum, jiġu konvertiti f' terminu ta' priġunerija skont il-liġi.

Finalment, tordna d-distruzzjoni tal-oġġetti kollha eżebiti f'din il-kawża.

Antonio Mizzi
Imħallef

Brian Avellino
Deputat Reġistratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------